

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-awtorità kontraenti naqset milli tagħti raġunijiet, partikolarmen il-karattersiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerti magħżula, bi ksur tal-Artikolu 113(2) tar-Regolament Finanzjarju, tal-Artikolu 161(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ("Regoli ta' applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju"), tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 296 TFUE.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' trasparenza skont l-Artikolu 102 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 15(3) TFUE, peress li l-awtorità kontraenti naqset milli tippordi informazzjoni u provi dwar jekk il-kampjuni pprovduti mill-offerenti għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-offerti kinux identiċi għall-kampjuni inizjalment evalwati fl-ewwel proċedura ta' evalwazzjoni li sussegwentement għet ikkanċellata.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2015 – NeXovation vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-353/15)

(2015/C 311/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: NeXovation, Inc. (Hendersonville, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. von Bergwelt, F. Henkel u M. Nordmann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla parżjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2014) 3634 finali, tal-1 ta' Ottubru 2014 (fil-forma tad-deċiżjoni ta' korrezzjoni tat-13 ta' April 2015) dwar l-għajnuna mill-Istat SA.31550 implementata mill-Ġermanja għal Nürburgring, sa fejn:
- din tiddeċiedi li l-bejgħ ta' assi ta' Nürburgring GmbH, Motorsport Resort Nürburgring GmbH u Congress- und Motorsport Hotel Nürburgring GmbH ma jikkostitwix ghajjnuna mill-Istat kif stabbilit fl-ewwel punt fil-lista tal-premessa 285 tad-deċiżjoni kkontestata;
- din tiddeċiedi li l-bejgħ ta' assi ta' Nürburgring GmbH, Motorsport Resort Nürburgring GmbH u Congress- und Motorsport Hotel Nürburgring GmbH ma jwassalx għal kontinwità ekonomika bejn Nürburgring GmbH, Motorsport Resort Nürburgring GmbH u Congress- und Motorsport Hotel Nürburgring GmbH u Capricorn NÜRBURGRING Besitzgesellschaft GmbH, is-sid il-ġdid tal-assi, jew is-sussidjarji tagħha kif stabbilit fl-ewwel sentenza tat-tieni punt fil-lista tal-premessa 285 tad-deċiżjoni kkontestata;
- b'hekk din tiddeċiedi li kull irkupru potenzjali ta' ghajjnuna mill-Istat mhux kompatibbli ma tkunx tikkonċerna lil Capricorn NÜRBURGRING Besitzgesellschaft GmbH, ix-xerrej tal-assi mibjugħha wara l-proċess ta' sejħa għal offerti, jew is-sussidjarji tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, kif stabbilit fit-tieni sentenza tat-tieni punt fil-lista tal-premessa 285 tad-deċiżjoni kkontestata;
- tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-riorrenti tikkonesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 (b'emenda tat-13 ta' April 2015) peress li din tiddeċiedi li l-bejgħ tal-assi tal-kumpless Nürburgring ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat, li l-bejgħ tal-assi ma jwassalx għal kontinwità finanzjarja/ekonomika bejn il-bejjiegħ u x-xerrejja tal-assi, u li l-irkupru potenzjali ta' ghajjnuna mill-Istat inkompatibbli ma għandhiex tikkonċerna lix-xerrej tal-assi.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riorrenti tinvoka l-motivi seguenti:

1. L-ewwel motiv, li jallega applikazzjoni żbaljata mill-Kummissjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, peress li l-Kummissjoni ma fehmitx it-tifsira ta' proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja bil-bejgħ lill-għola offerent u barra minn hekk naqset milli tinvestiga b'mod xieraq l-involviment tal-Istat fil-proċess tal-bejgħ;
2. It-tieni motiv, li jallega applikazzjoni żbaljata mill-Kummissjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE meta kkonkludiet li l-kuntratt ta' kera temporanja tal-assi ta' Nürburgring ma twassalx għal ghajjnuna mill-Istat u li l-bejjiegħha ma influwenzawx illegittimamente il-bejgħ ulterjuri tal-assi lil investitur Russu;
3. It-tielet motiv, li jallega applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' kontinwità finanzjarja/ekonomika mill-Kummissjoni;
4. Ir-raba' motiv, li jallega nuqqas milli tinbeda proċedura ta' investigazzjoni formali mill-Kummissjoni;
5. Il-ħames motiv, li jallega ksur mill-Kummissjoni tad-drittijiet tar-riorrenti skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 659/1999;
6. Is-sitt motiv, li jallega ksur tal-prinċipji ta' investigazzjoni imparzjali u diliġenti mill-Kummissjoni;
7. Is-seba' motiv, li jallega applikazzjoni żbaljata mill-Kummissjoni tal-Artikolu 296(2) TFUE.

Appell ippreżzentat fid-9 ta' Lulju 2015 minn CJ mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' April 2015 fil-kawżi magħquda F-159/12 u F-161/12, CJ vs ECDC

(Kawża T-370/15 P)

(2015/C 311/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: CJ (Agios Stefanos, il-Greċja) (rappreżentant: V. Koliás, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)

Talbiet

- tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' April 2015 fil-kawżi magħquda F-159/12 u F-161/12, CJ vs ECDC, sa fejn dan:
 - ċaħad parzjalment ir-rikors fil-Kawża F-159/12 u ordna lill-appellant ibati l-ispejjeż tiegħu;
 - ċaħad b'mod sħiħ ir-rikors fil-Kawża F-161/12 u ordna lill-appellant ibati l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-ECDC;